3) *L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 69, 24.3.2007.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-29 ta' April 2009 — Bodegas Montebello vs UASI — Montebello (MONTEBELLO RHUM AGRICOLE)**

**(Kawża T-430/07)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva MONTEBELLO RHUM AGRICOLE — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti MONTEBELLO — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Nuqqas ta' xebh bejn il-prodotti — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94")***

(2009/C 141/79)

*Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Bodegas Montebello, SA (Montilla, Spanja) (rappreżentanti: T. Andrade Boué, I. Lehmann Novo u A. Hernández Lehmann, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: P. López Fernández de Corres u J. Crespo Carrillo, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza:* Montebello SARL (Petit-Bourg, Franza) (rappreżentant: G.-G. Lamoureux, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tas-7 ta' Settembru 2007 (Każ R 223/2007-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Bodegas Montebello, SA u Montebello SARL.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Bodegas Montebello, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 22 26.1.2008

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-5 ta' Mejju 2009 — Rotter vs UASI (Forma ta' kompożizzjoni ta' zalzett)**

**(Kawża T-449/07)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja tridimensjonali — Forma ta' kompożizzjoni ta' zalzett — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94")***

(2009/C 141/80)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Thomas Rotter (Munich, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Müller, avocat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

**Suġġett**

Rikors kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tas-27 ta' Settembru 2007 (Każ R 1415/2006-4) dwar ir-reġistrazzjoni ta' sinjal tridimensjonali li jirrappreżenta kompożizzjoni ta' zalzett bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *T. Rotter huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 37, 9.2.2008.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-24 ta' April 2009 — Sanchez Ferriz et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-492/07 P)** ([1])

***("Appell — Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2005 — Nuqqas ta' inklużjoni fil-lista ta' uffiċjali promossi — Rati ta' moltiplikazzjoni ta' referenza — Artikoli 6 u 10 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Interess li jiġi invokat aggravju")***

(2009/C 141/81)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Carlos Sanchez Ferriz (Brussell, il-Belġju) u d-disa' uffiċjali l-oħra tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej li l-ismijiet tagħhom jinsabu fl-anness tas-sentenza (rappreżentant: F. Frabetti, avocat)

*Parti l-oħra fil-kawża:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u G. Berscheid, aġenti)